# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Peter Muscat ID188257M**

**Marco Buttigieg ID 482963**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Peter Muscat ID188257M u Marco Buttigieg ID 482963** li permezz tagħhom huma ġew mixlija talli nhar l-14 ta' Marzu 2011 u fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data fil-fond numru 3, Sur San Pawl, Bormla immanifatturaw, immontaw, sewwew, wetqu manutenzjoni fuq, qegħdu fis-suq, iddistribwew, fornew, biegħu, krew, trasferew, għamlu disponibbli għall-użu, laqgħu għandhom jew operaw xi apparat rilevanti għal-logħob, jew xi parti jew partijiet minnu, jekk kemm-il darba dawk il-persuni ma kellhomx liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorità jew kemm-il darba dawk il-persuni ma kienux eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob jew dik l-attività skont regolamenti magħmulin taħt il-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat ukoll id-dikjarazzjonijiet maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati 11 t'Ottubru 2013 kif ukoll id-dokumenti kollha li jiffurmaw parti minn dan il-proċess.

Il-Qorti rat ukoll li matul is-seduta tal-4 t'April 2016 quddiem din il-Qorti kif presjeduta l-imputati stqarrew li huma ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontrihom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati separatament bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni fis-sens li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti setgħet timponi piena statutorja, u wara li tagħthom żmien biżżejjed sabiex anke jikkonsultaw mal-Avukat Difensur u jiddeċiedu jekk hux ser jerġgħu lura minnha, fil-presenza tal-Avukat Difensur huma tennew l-ammissjoni u wieġbu li kienu ħatja tal- imputazzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li din hija sodisfaċentement ippruvata. Għalhekk, meta qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjarahom ħatha tal-imputazzjoni miġjuba.

***DECIDE : -***

Li wara li rat l-Artikoli 7(1) u 67(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda ssibhom ħatja tal-imputazzjoni kontestata lilhom u wara li qieset mhux biss l-ammissjoni tal-imputati iżda wkoll li hija tal-opinjoni li meta titqies l-imġieba tal-imputati kif ukoll il-mezzi li bihom twettaq ir-reat nonche ċ-ċirkostanzi kollha, inkluż iż-żminijiet meta fihom ġie kommess ir-reat tikkundannahom kwantu għal Peter Muscat għall-multa fl-ammont ta' mitejn u ħamsin euro (€250) filwaqt kwantu għal Marco Buttigieg għal multa fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) u tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kommissjoni ta' dan ir-reat.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 4 t'April 2016***

***Aaron M. Bugeja***